REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 297/2009

tat-8 ta' April 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2005 li jistabbilixxi r-regoli li jimplimentaw għar-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi prekursuri tad-droga u għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 li jfassal ir-regoli għas-sorveljanza tal-kummerċ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi tas-sustanzi prekursuri tad-droga

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-kontroll tal-kummerċ ta' sustanzi prekursuri tad-droga bejn il-Komunità u pajjiżi terzi [1] [titlu mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2005 [2] jiddetermina pajjiżi terzi destinatarji li jeżiġu miżuri speċifiċi ta' monitoraġġ meta jkunu esportati sustanzi prekursuri tad-droga mill-Komunità. L-Anness IV għal dak ir-Regolament jelenka għal kull waħda minn dawn is-sustanzi skedati tal-Kategoriji 2 u 3 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 111/2005, il-pajjiżi li għalihom hija meħtieġa notifika ta' esportazzjoni. Il-listi jinvolvu pajjiżi terzi li talbu li jirċievu notifiki ta' qabel l-esportazzjoni skont l-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-traffiku illeċitu tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi tal-1988.

(2) Ir-Rumanija hija elenkata fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1277/2005. Billi r-Rumanija saret Stat Membru, jeħtieġ li titneħħa mil-listi.

(3) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1277/2005 ma jelenkax il-pajjiżi terzi kollha li talbu li jirċievu notifiki ta' qabel l-esportazzjoni mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1277/2005. Mill-2005, il-Kanada, il-Maldivi, l-Oman u r-Repubblika tal-Korea għamlu talbiet ta' dan it-tip u għalhekk għandhom jiżdiedu.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1277/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1277/2005 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.
[2] ĠU L 202, 3.8.2005, p. 7.

ANNESS

"ANNESS IV

1. Lista ta' pajjiżi msemmija fl-Artikolu 20 li għalihom notifika ta' qabel l-esportazzjoni hija meħtieġa għall-esportazzjoni ta' sustanzi skedati tal-Kategorija 2 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 111/2005

Is-sustanza	Id-destinazzjoni	
Anidride aċetiku **Permanganat tal-potassju**	Kwalunkwe pajjiż terz	
Aċidu antraniliku	Antigwa u Barbuda Il-Benin Il-Bolivja Il-Brażil Il-Kanada Il-Gżejjer Cayman Iċ-Ċilì Il-Kolombja Il-Kosta Rika Ir-Repubblika Dominikana L-Ekwador L-Etjopja Ħaiti L-Indja L-Indoneżja Il-Ġordan Il-Każakstan Il-Libanu Il-Madagaskar	Il-Malażja Il-Maldivi Il-Messiku In-Niġerja L-Oman Il-Paragwaj Il-Perù Il-Filippini Ir-Repubblika tal-Moldova Il-Federazzjoni Russa L-Għarabja Sawdita L-Afrika t'Isfel It-Taġikistan It-Turkija L-Emirati Għarab Magħquda Ir-Repubblika Magħquda tat-Tanżanija Il-Veneżwela
Aċidu Fenilaċetiku **Piperidin**	Antigwa u Barbuda Il-Benin Il-Bolivja Il-Brażil Il-Kanada Il-Gżejjer Cayman Iċ-Ċilì Il-Kolombja Il-Kosta Rika Ir-Repubblika Dominikana L-Ekwador L-Etijopja Ħaiti L-Indja L-Indoneżja Il-Ġordan Il-Każakstan Il-Libanu Il-Madagaskar	Il-Malażja Il-Maldivi Il-Messiku In-Niġerja L-Oman Il-Paragwaj Il-Perù Il-Filippini Ir-Repubblika tal-Moldova Il-Federazzjoni Russa L-Għarabja Sawdita It-Taġikistan It-Turkija L-Emirati Għarab Magħquda Ir-Repubblika Magħquda tat-Tanżanija L-Istati Uniti tal-Amerika Il-Veneżwela

2. Lista ta' pajjiżi msemmija fl-Artikoli 20 u 22 li għalihom hija meħtieġa notifika ta' qabel l-esportazzjoni u awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni hija meħtieġa għall-esportazzjoni ta' sustanzi skedati tal-Kategorija 3 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 111/2005

Is-sustanza	Id-destinazzjoni	
Keton tal-metiletil (MEK) (1)	Antigwa u Barbuda	Il-Libanu
Toluen (1)	L-Arġentina	Il-Madagaskar
Aċeton (1)	Il-Benin	Il-Malażja
Etere tal-etil (1)	Il-Bolivja	Il-Maldivi
	Il-Brażil	Il-Messiku
	Il-Kanada	In-Niġerja
	Il-Gżejjer Cayman	L-Oman
	Iċ-Ċilì	Il-Pakistan
	Il-Kolombja	Il-Paragwaj
	Il-Kosta Rika	Il-Perù
	Ir-Repubblika Dominikana	Il-Filippini
	L-Ekwador	Ir-Repubblika tal-Moldova
	L-Eġittu	Ir-Repubblika tal-Korea
	L-El Salvador	Il-Federazzjoni Russa
	L-Etijopja	L-Għarabja Sawdita
	Il-Gwatemala	It-Taġikistan
	Ħaiti	It-Turkija
	Il-Ħonduras	L-Emirati Għarab Magħquda
	L-Indja	Ir-Repubblika Magħquda tat-Tanżanija
	Il-Ġordan	L-Urugwaj
	Il-Każakstan	Il-Veneżwela
Aċidu idrokloriku	Il-Bolivja	Il-Perù
Aċidu tal-kubrit	Iċ-Ċilì	It-Turkija
	Il-Kolombja	Il-Veneżwela
	L-Ekwador	

(1) Din tinkudi l-imluħ ta' dawn is-sustanzi kull meta l-eżistenza ta' mluħ ta' dan it-tip hija possibbli."